**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charlo and Graceline Spiteri Magri

Vs

Fairdeal Furniture (Malta) Ltd

CCT 137/21/MM

Illum, 27 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' Awwissu 2021 fejn talbu s-somma ta' tmien mija u disghin Ewro (€ 890) rappreżentanti l-prezz ta' pultruna mixtrija mis-socjeta' intimata li allegatament kienet difettuza.

Illi s-socjeta' intimata, minkejja li kienet debitament notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas ikkontestat il-kaz taghha.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti xtraw pultruna minghand is-socjeta' intimata li kienet difettuza. Charlo Spiteri Magri jixhed kif minkejja li huma kienu mweghda li ser jintbghat rapprezentant tas-socjeta' intimata sabiex jinvestiga l-problema bil-pultruna (ma bdietx titla f'postha), dan baqgha qatt ma gie. Din ix-xhieda giet ukoll korraborata minn martu Graceline Spiteri Magri.

Ir-rikorrenti ipprezentaw ukoll kopja tal-invoice ta' din l-istess pultruna.

Ikkunsidra

Illi l-intimata bl-ebda mod ma kkontestat il-kawza u wisq inqas kienet prezenti ghas-seduti imhollija ghall-provi. Illi t-Tribunal kien ukoll ikkonceda differiment wiehed sabiex tinghata l-ahhar opportunita' sabiex jingiebu kwalunkwe provi min-naha taghha, tant li l-kaz kien gie differit ghal dan l-iskop fejn fin-nuqqas it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza.

Ikkundsidra

Illi dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jiddubita l-verzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk m'hemmx ragunijiet ghaliex huwa m'ghandux jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikkorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 890 fi zmien gimgha mil-lum, b'dan illi l-intimata jkollha dritt tigbor lura l-pultruna.

Bl-ispejjeż kontra s-socjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru